ħalx hu għax-xogħol tar-ritratt, weġibni hekk: "Jiena nixtieq ħafna li nagħmlu dan ir-ritratt" għax, kif qal hu, kien ħabib ta' Dun Karm. Intbagħtet ċirkulari lill-Għaqdiet u Xirkiet l-oħra tal-Malti biex jibgħatu rappreżentant kull waħda f'din il-Kummissjoni "biex il-ħaġa tidher ġejja mhux minn din jew dik il-għaqda biss, imma bir-rieda tal-Għaqdiet kollha tal-Malti". Tweġiba għal din waslet biss minn għand l-Għaqda tal-Malti (Dockyard) li qalu li "mhux biss għoġobhom il-ħsieb tal-Kummissjoni imma riedu wkoll jiżżu ħajr lill-*Għaqda* ta' l-Università li ndaħlet għalbiex jitwettaq ħsieb hekk sabiħ," u għażlet lis-Sur Mario Agius bħala rappreżentant tagħha.

Beda mbagħad ix-xogħol ta' l-inkwatru, kif ukoll, it-tħabrik ta' l-istudenti, l-iktar tal-Kaxxier A. Agius Ferrante, biex jinġabru xi flus għall-ħlas tar-ritratt. Ingħataw flus minn ħbiebna tal-Għaqdiet u minn għand oħrajn barra mill-Għaqdiet u fl-aħħar ir-ritratt tlesta, il-flus tħallsu u saret iċ-ċerimonja tal-preżentazzjoni fis-sala tal-librerija ta' l-Università, fit-2 ta' Ottubru, 1945, dak in-nhar stess li fih Dun Karm ingħatalu l-grad ta' D.Lit. (Hon. Causa)

Mill-1945 'l hawn ma ltqajtx wisq ma' Dun Karm, ħlief f'xi okkażjonijiet ta' laqgħat jew akkademji. Biss kull darba li jarani kien iħeġġiġni nissokta fil-ħidma tiegħi tal-folklore Malti, għax kien igħidli li dan l-istudju meħtieġ ħafna fil-pajjiż. U darba minnhom, xi għaxar snin ilu issa, meta ltqajna fit-taraġ tal-Uffiċċju tas-Sanità, qabadni minn driegħi qabel telaq u qalli "Aħdem u ikteb, għax ftakar x'igħid il-Malti":

*Iż-żmien igħaddi u 'l ħadd ma jsellem*
*Igħaddi bla ma jitkellem.*

Fuq driegħi għadni nħoss il-messa ħafifa t'idu, u ġo qalbi għadni ngħożż il-kelma ta' Dun Karm, poeta Malti!

## IMGHALLMI DUN KARM

Ta' RUŻAR BRIFFA, B.Sc., M.D.

KONNA tfal, studenti tal-Liċeo. Għaqqadna Soċjetà għall-istudju ta' l-Istorja ta' Malta (Soċjetà *Malta Storica*) u tlabna lil Dun Karm ħalli jdawwarna l-Katakombi tar-Rabat.

Dak iż-żmien Dun Karm kien għadu kif sar Assistent Biblijotekarju tal-Librerija, wara li għal bosta snin għallem il-Letteratura u l-Arkijoloġija Nisranija fis-Seminarju.

Dun Karm tana taħdita tassew sabiħa, imma bit-Taljan... l-ilsien tal-kultura ta' dak iż-żmien. Dun Karm qatt ma nesa l-imħabba lejn it-Taljan u baqa' sa l-aħħar jużah, bħalma kienu jużawh in-nies ta' żmienu meta jitkellmu fuq ħwejjeġ tal-Qedem jew Klassiċi.

B'hekk naraw kif hu ħalla wisq ħwejjeġ għal qalbu mħabba xewqa li jibni letteratura Maltija.

Għadda ż-żmien. Lil Dun Karm sirt nafu ħafna l-Biblijoteka fejn kont ngħaddi ġranet sħaħ nistudja. Kont għadni ma bdejtx nikteb bil-Malti imma kont medhi fuq il-poeti moderni ta' dak iż-żmien. Kien b'saħħa ta' Dun Karm u bil-pariri tiegħu li mexxielu jżommli ftit tal-*balance* bejn il-Klassiċiżmu u r-Romantiċiżmu.

Dun Karm man-nies kien juri ruħu tabilħaqq *extrovert.* Ibdielu fuq xi ħaġa u erħilu jkompli fuqha. Tista' tgħid li kien eklettiku u moħħu kien enċiklopedija. Sa fuq it-telepatija kien iħobb ipaċpaċ. Dun Karm kien aktar iħobb jitkellem hu milli jisma' lil ħaddieħor, imma kien fih mitt gost, għax dejjem igħallmek. Kien iħobb jidħaddet miegħi fuq il-poeżiji li jkun qiegħed jikteb, l-iktar meta sar jaf li jiena wkoll tajtha għal poeżija.

Qabel ma stampahom kien urieni u iddiskuta miegħi t-traduzzjoni minn Hardy ta' *The Oxen*, dik ta' *Is-Sepolcri* ta' Ugo Foscolo. L-aħħar biċċa ta' *Lead Kindly Light* ta' Newman, li hu daħħal hemm bil-permess tiegħi għax bnieha fuq dik li kont stampajt jiena meta kont Londra.

Xi ħadd gerger li Dun Karm kien egoista. Dan m'hux minnu. Anzi Dun Karm kien filantropu. Għalhekk dawn it-traduzzjonijiet minn ilsna oħra. Bihom ried ikattar l-imħabba lejn il-letteraturi barranin u jxerred it-tagħlim qalb il-poplu.

Le, Dun Karm ma kienx egoista. Individwalista iva, egoista le. Kien iħobb jimxi għal rasu, (allaħares ma kienx hekk), imma qatt ma maqdar xogħol ta' ġieħ. Meta għoġbitu l-poeżija *Wieħed Biss* huwa wieġeb bil-poeżija tiegħu, *Waħda Biss*, u d-dedika kienet, *Lil Rużar Briffa, poeta*, u dan meta kont għadni qiegħed nibda.

Meta xtaq jiġbor il-poeżiji tiegħu ma tahomx lil min offrielu l-iktar flus, imma lit-Tabib Ġużè Bonnici għax kien żagħżugħ miġnun fuq il-letteratura Maltija.

Dun Karm kien dejjem igħidli: Ftakar sew, biex tkun poeta tassew trid tuża moħħok u qalbek, trid ispirazzjoni u kultura kbira. Dan it-testment li kien ħallieli.